# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR.  JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2025

**Avviż Nru: 235/2023**
**Nru fuq il-Lista: 3**

**Daka Mechanical Services Ltd (C75233)**

**vs**

**Dr. Ingrid Zammit Young bħala kuratur deputat ta' Recube MT Ltd (C97515)[1]**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi mressaq fid-19 ta' Settembru 2023[2], permezz ta' liema l-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' tnax-il elf, erba' mija, wieħed u sittin Ewro u seba' u ħamsin ċenteżmu (€12,461.57ċ), rappreżentanti servizz provista u installazzjoni ta' ventilatur mhux imħallas, flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż.

[1] Ara digriet mogħti fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2025.
[2] A fol 1 tal-proċess.

Rat id-dokumenti annessi ma l-Avviż[3].

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru 2023[4].

Rat li kien hemm diversi seduti sabiex tiġi finalizzata l-proċedura tan-notifika.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat tad-19 ta' Mejju 2025[5].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2025[6] fejn instemgħet x-xhieda ta' Salvatore Caruso[7].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2025[8] meta l-istadju tal-ġbir tal-provi ġie magħluq u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenut għażel li ma jweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas jirreġistra dehra fihom.

Illi huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur

---

[3] A fol bejn 2 u 4 tal-proċess.
[4] A fol 5 tal-proċess.
[5] A fol 38 tal-proċess.
[6] A fol 40 tal-proċess.
[7] Din tibda a fol 41 tal-proċess.
[8] A fol 44 tal-proċess.

tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[9]. Kif reġa' ġie mtenni riċentement: *"Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Jannar, 2025, fil-kawża fl-ismijiet Wood Systems SRLS v. Alex Cutajar, bħala prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza, jingħad li l-piż tal-prova tal-eżistenza tad-dejn tmiss lil min ikun fetaħ il-kawża (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet Richard Attard et v. Mark Anthony Barbara et). Dan huwa minnu, billi min jaġixxi għal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu tabilħaqq jeżisti (ara Sergio Manché v. Tony Cassar deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003)"*[10].

Illi jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[11].

---

[9] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et*,** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[10] Bran meħud mis-sentenza fl-ismijiet **Julio Azzopardi vs Solare Engineering Limited,** (App Ċiv Nru: 29/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-8 ta' April 2025.

[11] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

Illi l-Qorti ssib li s-soċjetà attriċi seħħilha tipprova l-każ tagħha, sew bix-xhieda tad-direttur Salvatore Caruso u bil-provi dokumentarji mressqa. Il-kuratur deputat ma ressqet l-ebda difiża u lanqas dehret għas-seduti.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' tnax-il elf, erba' mija, wieħed u sittin Ewro u seba' u ħamsin ċenteżmu (€12,461.57ċ) bl-imgħax legali tad-19 ta' Settembru 2023[12] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali bin-numru 1908/2023[13] msemmija fl-Avviż promotur, jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[12] Data tal-ftuħ ta' dawn il-proċeduri billi l-ittra uffiċjali preċedenti ma ġietx notifikata.
[13] Kopja eżebita a fol 3 *et seq* tal-proċess.